



Kumitat għas-Sajd

2015/0063(COD)

9.9.2015

EMENDI

1 - 3

**Abbozz ta' rapport
Ole Christensen
(PE555.006v01-00)**

dwar skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal

Proposta għal regolament
(COM(2015)0121 – C8-0076/2015 – 2015/0063(COD))

AM_Com_LegReport

PE567.470v01-00

2/4

AM\1071612MT.doc

MT

Emenda 1
Liadh Ní Riada

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 2

<i>Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva</i>	<i>Emenda</i>
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni <i>lill-Parlament</i> jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;	2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni <i>lill-Parlamenti nazzjonali</i> jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

Or. en

Emenda 2
Lidia Senra Rodríguez

Proposta għal regolament

Anness 2

Regolament (UE) Nru 1236/2010

Anness III – ittra k

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
k) lill-kaptan tal-bastiment jipprovdulu r-rapport bir-riżultat tal-ispezzjoni, inklużi l-miżuri possibbli li jistgħu jittieħdu, sabiex jiffirmah hu u l-ispettur. Il-firma tal-kaptan fuq ir-rapport issir biss biex turi li kiseb kopja tar-rapport. Il-kaptan għandu jingħata l-opportunità li jżid kummentijew oġġezzjonijiet fir-rapport u, kif ikun xieraq, li jikkuntattja lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat tal-bandiera b'mod partikolari meta l-kaptan ikollu diffikultajiet serji biex jifhem il-kontenut tar-rapport. Il-kaptan għandu jingħata kopja tar-rapport; u	k) lill-kaptan tal-bastiment jipprovdulu r-rapport bir-riżultat tal-ispezzjoni, <i>flimkien ma' traduzzjoni uffiċċiali tal-kontenut kollu fil-lingwi rispettivi tal-istati membri</i> , inklużi l-miżuri possibbli li jistgħu jittieħdu, sabiex jiffirmah hu u l-ispettur. Il-firma tal-kaptan fuq ir-rapport issir biss biex turi li kiseb kopja tar-rapport. Il-kaptan għandu jingħata l-opportunità li jżid kummentijew oġġezzjonijiet fir-rapport u, kif ikun xieraq, li jikkuntattja lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat tal-bandiera b'mod partikolari meta l-kaptan ikollu diffikultajiet serji biex jifhem il-kontenut tar-rapport. Il-kaptan għandu jingħata kopja tar-rapport; u

Or. es

Emenda 3
Lidia Senra Rodríguez

Proposta għal regolament

Anness 2

Regolament (UE) Nru 1236/2010

Anness III – ittra 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

l) meta jkun meħtieġ u possibbli, isiru l-arranġamenti għal traduzzjoni tad-dokumentazzjoni rilevanti.

l) Traduzzjonijiet uffiċċali tad-dokumenti kollha ser ikunu disponibbli fil-lingwi kollha tal-istati membri.

Or. es